# Gazzetti u portals tal-aħbarijiet jingħaqdu ma' 10 eNGOs fl-appell lill-PM biex ma jiftaħx staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa

Il-gazzetti indipendenti *Times of Malta*, *Malta Today*, *The Malta Independent* u *Illum* flimkien mal-portals tal-aħbarijiet *Newsbook, The Shift News* u *Gozo.News* ingħaqdu mal-appell lill-Prim Ministru Robert Abela biex ma jiftaħx l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa meta ninsabu fl-eqqel tal-pandemija tal-COVID-19. Huma jingħaqdu ma' 10 eNGOs li ftit jiem biss ilu wkoll iddikjaraw l-appoġġ tagħhom lil din is-sejħa ta' BirdLife Malta f'messaġġ komuni li ħarġu.

F'nofs il-kriżi COVID-19 meta s-soċjetà kollha qed tintalab tibqa' ġewwa ħlief jekk ikun assolutament neċessarju, huwa xokkanti li l-Gvern se jkun qed jippermetti li eluf ta' kaċċaturi joħorġu għall-kaċċa fir-rebbiegħa. Apparti l-fatt li l-kaċċa fir-rebbiegħa mhijiex sostenibbli, in-nuqqas ta' riżorsi neċessarji biex ikun żgurat li tiġi infurzata d-deroga se jġib miegħu biss massakru ta' għasafar protetti. L-eNGOs talbu lill-Gvern biex jirrealizza li l-pajjiż qiegħed hemm biex igawdih kulħadd u mhux biex igawdih biss grupp ta' nies b'interessi ristretti li qed jiġi kontinwament privileġġjat.

L-eNGOs li aktar kmieni din il-ġimgħa appoġġjaw din is-sejħa tagħna huma:

- Nature Trust-FEE Malta
- Friends of the Earth Malta
- Flimkien għal Ambjent Aħjar (FAA)
- Greenhouse Malta
- Moviment Graffitti
- Bicycle Advocacy Group
- Din l-Art Ħelwa
- Futur Ambjent Wieħed
- Animal Liberation Malta
- Ramblers' Assocation of Malta

Ma' din is-sejħa tal-eNGOs issa ngħaqdu dawn l-erba' gazzetti indipendenti u tliet portals tal-aħbarijiet indipendenti:

- Times of Malta
- Malta Today
- The Malta Independent
- Illum
- Newsbook
- The Shift News
- Gozo.News

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org